MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Numru 455/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Mauro Muscat, Daniel Briffa u Clayton Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati **Mauro Muscat** 17-il sena bin Mario u Rita nee' Cini imwieled Pieta' fl-10 ta' Jannar, 1986 u residenti 183, Triq il-Kbira, Birkirkara detentur ta' karta ta' identita numru 47386(m):

**Daniel Briffa** 16-il sena bin Constantino u Isabella nee' Pace imwieled Pieta' fit-21 ta' Jannar, 1987 u residenti Isabelle, Triq il-Kav. Giovanni Alertorn, Bikirkara, detentur ta' karta ta' identita numru 62887(m): u

**Clayton Galea** 15-il sena bin Raymond u Emanuela nee' Saliba imwieled Pieta' fl-20 ta' Dicembru, 1987 u residenti 'Emray', Triq Agnese Schembri, Ta' Paris, Birkirkara detentur ta' karta ta' identita numru 7788(m) akkuzati talli:

B'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe':

1. fit-18 ta' April, 2003 ghall-habta tad-9.00 ta' filghodu u/jew fil-granet ta' qabel din id-data, mill-garage bla numru sitwat fi Triq il-Wied tal-Msida b'Kara kkommettew serq ta' kwantita ta' bottijiet tal-birra 'Boddingtons', ghad-dannu tad-dirigenti u/jew rappresentanti tal-imsemmija kumpanija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix-il hamsin lira Malta (Lm50);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputati jammettu l-akkuzi f'liema ammissjoni huma ippersistew anke waqt li l-qorti tahtom zmien jikkunsidraw.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati issibhom hatja tal-akkuzi kontrihom dedotti.

Hadet konsiderazzjoni tal-fedini penali rispettivi u l-kwantita' u l-entita' tal-oggetti misruqa.

Fic-cirkostanzi mhix tal-fehma li l-imputati ghandhom jehlu piena ta' habs.

Rat ghalhekk l-Artikoli 261, 264, 266, 267, 278, 279(a), 280, 325(b) u 17 tal-Kap 9 u tilliberhom kull wiehed minnhom taht il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------